## Taqsima B

**Agħżel WIEĦED minn dawn li ġejjin. Din it-Taqsima fiha 50 marka. Jekk jogħġbok, indika t-total ta' kliem li tkun ktibt.**

1. Fit-triq fejn kont għaddej, kien hemm għadira diżil li sewwieq ta' karozza ma ndunax biha u meta ġie biex iżomm il-brejk dan ma rabatlux u kkaġuna ħsara fuq numru ta' vetturi. F'madwar 350 kelma spjega x'ġara u x'għamilt biex is-sewwieqa joqogħdu attenti.

2. Tard filgħaxija fi ġnien pubbliku tilmaħ xi persuni jitfgħu skart domestiku fejn mhux suppost bil-konsegwenza li ħammġu l-ambjent sabiħ u ordnat tal-ġnien fejn kont. F'madwar 350 kelma għid x'għamilt biex dan il-vandaliżmu ma jkomplix.

**Total: 100 marka**

**TMIEM IL-KARTA TAL-EŻAMI**



DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET
IL-MALL, TRIQ SARRIA, IL-FURJANA, MALTA

# Eżami għall-Pożizzjoni ta' Uffiċjali Korrettivi fl-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi

**Suġġett:** IL-MALTI

**Data:** It-Tlieta 10 ta' Marzu 2020

**Ħin:** 09:00 – 10:30 (Siegħa u nofs)

**Struzzjonijiet ġenerali: Din il-karta tal-eżami fiha ŻEWĠ taqsimiet, Taqsima A u Taqsima B. Il-kandidati jridu jwieġbu ż-ŻEWĠ taqsimiet u għandhom jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima. Il-marki għal kull mistoqsija jidhru bejn il-parenteżi.**

## Taqsima A

Aqra sew is-silta meħuda minn "*Il-Manwal tal-Priġunieri*" u wara wieġeb il-mistoqsijiet **KOLLHA** li jsegwu:

F'Malta, il-Faċilità Korrettiva ewlenija hija l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, li żżomm priġunieri rġiel u nisa. Hemm ukoll il-Faċilità Korrettiva għal priġunieri żgħar, li żżomm priġunieri sal-età ta' 21 sena, jiġifieri YOURS, li tinsab l-Imtaħleb. Barra minn hekk, it-Taqsima Forensika, li tinsab fuq l-art tal-Isptar Monte Carmeli, tilqa' fiha priġunieri li jkollhom bżonn kura psikjatrika.

Persuna tista' tintbagħat fil-Faċilità biex tiskonta sentenza mogħtija, jew inkella waqt li qiegħda tistenna proċess quddiem qorti kriminali. Fil-każ tal-aħħar, sakemm tingħata l-libertà proviżorja.

Kull priġunier għandu jkun allokat akkomodazzjoni, kif ordnat mid-Direttur. L-akkomodazzjoni pprovduta, għandha tilħaq il-ħtiġijiet ta' saħħa u iġjene, b'konsiderazzjoni xierqa mogħtija lill-kontenut kubiku tal-arja, ammont raġonevoli ta' spazju, dawl u ventilazzjoni, kif ukoll il-possibiltà li jikkomunika f'kull ħin ma' Uffiċjal Korrettiv. Kull priġunier huwa mistenni li jżomm iż-żona taċ-ċella tiegħu/tagħha nadifa u li jwettaq affarijiet bażiċi biex iżomm iċ-ċella tiegħu/tagħha f'kundizzjoni tajba. Materjali biex titnaddaf iċ-ċella u biex titwettaq manutenzjoni bażika jkunu pprovduti jekk issir talba għalihom.

Kull priġunier għandu jkun ipprovdut b'sodda separata u friex separat xieraq għas-sħana u s-saħħa, liema friex għandu jinżamm f'ordni tajba u mibdul meta meħtieġ sabiex tkun żgurata l-indafa tiegħu.

Priġunieri li m'għandhomx ħwejjeġ xierqa tagħhom ikunu pprovduti bi ħwejjeġ li jkunu f'kundizzjoni tajba.

Il-priġunieri għandhom ikunu meħtieġa li jżommu lilhom infushom nodfa u puliti, u huma għandhom ikunu pprovduti b'dawk l-affarijiet li jintużaw u huma meħtieġa għas-saħħa u l-indafa.

Il-priġunieri huma pprovduti bl-ikel kif ġej: kolazzjon fit-8.00 ta' filgħodu, ikla ta' nofsinhar fil-11.45 ta' filgħodu u ikla ta' filgħaxija fil-5.30 ta' filgħaxija. L-ikel huwa ppreparat, sa fejn huwa possibbli, f'konformità mal-ħtiġijiet tas-saħħa u l-kundizzjoni tad-dieta tal-priġunieri, kif ukoll mal-ħtiġijiet reliġjużi jew kulturali tagħhom.

Id-Direttur jista' jħalli priġunieri jingħataw ammont raġonevoli ta' ikel bi spejjeż tagħhom jew tal-familja tagħhom. L-ebda ikel ma jista' jiġi mgħoddi lil priġunieri oħra mingħajr il-permess tad-Direttur.

L-Uffiċjali Korrettivi se jżommu rekord bil-miktub ta' kull okkażjoni meta priġunier jirrifjuta l-ikel, u l-priġunier għandu jkun mitlub jiffirma kull ma jkun tniżżel.

Mhumiex permessi xarbiet alkoħoliċi li jwasslu biex wieħed jisker. Il-priġunieri jistgħu jitħallew ipejpu jew ikollhom it-tabakk. Madankollu, huma meħtieġa li jirrispettaw iż-żoni kollha li fihom ma jistax isir tipjip.

Il-priġunieri huma allokati minimu ta' siegħa kuljum ta' eżerċizzju fi spazju miftuħ, jekk huma mhumiex ingaġġati f'xogħol fuq barra.



**Mistoqsijiet:**

*Għall-mistoqsijiet 1 sa 5 immarka t-tweġiba t-tajba:*

1. F'Malta fejn jinżammu l-priġunieri taħt l-età ta' 21 sena?
   a) il-*YOURS*, l-Imtaħleb.
   b) l-Isptar Monte Carmeli.
   c) il-Faċilità ta' Kordin.
   d) l-Isptar Mater Dei. **(5 marki)**

2. Min jordna l-allokazzjoni tal-akkomodazzjoni għal kull priġunier?
   a) l-Avukat Ġenerali.
   b) l-Uffiċċjal Korrettiv.
   c) il-Maġistrat.
   d) id-Direttur. **(5 marki)**

3. Min hu mistenni li jżomm rekord bil-miktub meta priġunier jirrifjuta l-ikel?
   a) id-Direttur.
   b) l-Uffiċċjal Korrettiv.
   c) l-Uffiċċjal għassa mal-bieb tal-ħabs.
   d) l-Avukat Prosekutur. **(5 marki)**

4. Il-priġunieri kemm għandhom ħin allokat għalihom biex jagħmlu eżerċizzju fi spazju miftuħ?
   a) siegħa biss kuljum.
   b) minimu ta' ħames sigħat fil-ġimgħa.
   c) minimu ta' siegħa kuljum.
   d) sagħtejn fil-ġimgħa. **(5 marki)**

5. X'jistgħu jitħallew jagħmlu l-priġunieri meta jkunu fil-Faċilità?
   a) ipejpu u jkollhom it-tabakk.
   b) jieħdu xorb alkoħoliku u jiskru.
   c) jieklu ikel mgħoddi lilhom mingħajr permess tad-Direttur.
   d) idaħħlu kwantità ta' droga. **(5 marki)**

6. Liema priġunieri jistgħu jintbagħtu fl-Isptar Monte Carmeli u f'liema taqsima? **(4 marki)**

7. Għalfejn persuna tista' tintbagħat fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin? **(5 marki)**

8. Liema huma t-tliet ħtiġijiet li l-ikel imħejji għall-priġunieri għandu jkun konformi magħhom? **(6 marki)**

9. Il-priġunieri, x'jistgħu jakkwistaw bi spejjeż tagħhom jew tal-familji tagħhom wara li jitolbu permess tad-Direttur? **(3 marki)**

10. Spjega kif għandha tkun iċ-ċella ta' priġunier fil-ħabs. **(7 marki)**